**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 521 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Paul Azzopardi**

Illum, 8 ta' Frar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra PAUL AZZOPARDI ta' 66 sena bin Anthony u Antonia xebba Said, imwieled Rabat nhar it-12/02/1954, residenti St. Paul, tas-Salib L/O Rabat Malta, ID: 137854 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar l-10 ta' Marzu 2020 għall-ħabta ta' 10:55 a.m. ġewwa l-Fiddien l/o Rabat Malta:-

1. Kiser il-paċi u l-bon ordni b'għajjat, storbju jew ġlied.
2. U aktar talli ħebb għal Giovanni Spiteri u kkaġunalu ġrieħi ta' natura ħafifa skond kif iċċertifikat Dr. Odette Pace MD mill-poliklinika tar-Rabat liema offiża saret b'wieħed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 217 u dan skond lArtikolu 221(2) tal-Kap 9.

3. U aktar talli b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' tħaris tarregolamenti ikkaġuna ħsara fħal ammont ta' 289.35 euro fuq il-vettura numru tar-reġistrazzjoni GBP991 ta' l-għamla Toyota għad-dannu ta' Simone Spiteri.
4. U aktar talli kellu fil-pussess tiegħu strument li jaqta' u bil-ponta (sikkina) mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa mill-Kummisarju tal-Pulizija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Novembru, 2021, fejn il-Qorti filwaqt li ma sabithux ħati tar-raba' imputazzjoni u illiberatu minnu, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 215, 217, 221 (2), 221 (3) (a), 328 (d) u 338 (dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil PAUL AZZOPARDI ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u ikkundannatu multa ta' elf Euro (€1,000).

B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u billi tqis li huwa xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' Giovanni Spiteri u sabiex jinżamm il-buon ordni pubbliku, il-Qorti rabtet lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu li ma jiksirx il-paċi u l-buon ordni pubbliku kif ukoll li ma jimmolestax u ma jdejjaqx lill-istess Giovanni Spiteri u dan taht penali ta' elf Euro (€1,000), ghal zmien tnax-il xahar mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appellanti Paul Azzopardi minnhu pprezentat fit-22 ta' Dicembru, 2021, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tibdel s-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet sucitati u tghaddi sabiex tillibera lill-imputat fejn instab hati u cioe' ta' l-ewwel tliet (3) imputazzjonijiet u tikkonferma in kwantu l-appellant gie lliberat mir-raba' imputazzjoni u fl-eventwalita' illi l-ewwel aggravju ma jintlaqghax biss, tghaddi sabiex tvarja l-piena imposta u minflok tinfliggi piena aktar akwa u gusta.

Rat illi l-appellant, hass ruhu aggravat minn din is-sentenza, u wara talab is-sospensjoni tas sentenza qieghed jintavola dan l-appell:

1. **Illi l-ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghat tasal ghall-konkluzjoni serena ta' htija, stante illi saret enuncazzjoni hazina tal-Provi.**

Illi l-gurisprudenza nostrana tghallimna b'mod irribadit, illi xhud wiehed huwa bizzejjed sabiex jekk emmnut, tinstab htija, u dan skond kif ccitat l-ewwel Onorabbli Qorti skond l-artikoli 633 et. Seq. senjatament l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti, sabet l-appellant hati tal-ewwel tliett (3) imputazzjonijiet u lliberatu mir-raba imputazzjoni (4) u cice illi U aktar talli kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta (sikkina) minghajr ma kellu ličenzja mahruga mill-Kummisarju tal-Pulizija'. Illi dan il hsieb, u cioe' illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghatax tasal ghall-konkluzjoni illi l-appellant kellu fil-pussess tieghu l-allegat' mus' illi intuza fl-incident, waslet sabiex l-appellant qatt ma setgha jifhem kif ragionevolment l-ewwel Onorabbbli Qorti waslet ghas-sejbien ta' htija tal ewwel tlet (3) imputazzjoniet.

Illi jekk dan il-mus' ma kienx fil-pussess tal-appellant, ghallura fil-pusses ta' min kien? U fuq kollox kif spicca fil-prezenza tal-partijiet dakinhar tal-akkadut?

Illi bla dubju dawn il-mistoqsijiet iqajmu dubju konkrte fuq diversi fatturi, inkluz ukoll il-fatt jekk Giovanni Spiteri, kienx qieghed fl-inhawi ghax inzerta waqaf biex iwiegeb telefonata, jew marx fuq il-post ghax jaf li hemm kien isib lill-appellant

Interessanti l-fatt, kif l-ewwel Onorabbli Qorti skrtat kompletament il-fatt illi fil-verzjoni tieghu l allegat vitma naqas milli jsemmi li kien hemm kwistjoni fuq l-ghelieqi u minflok qal li kien jaf lill appellant biss gahx kien ghamillu xi xoghol mal-imghallem li kien jahdem mieghu qabel. Jidher ghalhekk li kieku l-allegat parte civile kellu ukol x' jahbi f dan il-kaz, liema nuqqasijiet iqajmu dubju serju fuq jekk il-

verzjoni moghtija minnu kienetx wahda li tasal ghal grad rikjest ghall htija u cioe' lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Illi ghandu jigi ccarat, l-appellant m' huwiex qed jikkontesta id-diverbju u li kien alterazzjoni fizika, madankollu qieghed jigi kkontestat, bil-qawwa d-dinamika kif mifhuma mill-ewwel Qorti u fuq kollox, kif din ma dahitx fl-apprezzament tal-fatt illi meta mitkellem minghajr assistenza l-appellant kien sincier u ammetta li kien hemm diverbju u sahansittra imbutta lill-allegata vittma.

Ghal dawn il-motivi, l-appellant hass ruhu aggravat mis-sentenza u ghalhekk umilment jemmen li l-ewwel Onorabbli, ma setghatx ragionevolment jasal ghall-konkluzjoni ta' htija, ritenuto il-fatt illi diversi anomaliji fil-verzjoni tal-allegata vittma qatt ma gew mwiegba, u ghalhekk kellhom iwasslu ghal liberatorja tal-appellant.

2. **Il-Piena Inflitta kienet wahda li ma tirrispekkjax id-dinamika tal-kaz.**

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghazlet illi tenut kont tac-cirkostanzi timponi l-piena sucitata fuq l-imputat.

Illi l-gurisprudenza nostrana hija cara u tiddetta s-segwenti u cioe'.

Illi kif diga gie ritenut diversi drabi, huwa principju ben assodat fil-gurisprudenza penali nostrana, illi mhux in-norma illi l-Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti.

Dan il-principju gie rifless f'diversi sentenzi fosthom:

Kif inghad fl-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009, minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci, "mhux normali li din il-

Qorti tal-Appell li tvarja d diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri): "Ir Repubblika ta Malta vs. Carmen Butler" (26.2.2009)- Il-Qorti tal-Appell Kriminali bhala regole, ma tickfisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzionata jew sakemm ma imzultax li l-Ewwel Qorti tkun nagset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b'mod partikolari fuq il-piena) (Ara wkoll "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard" (20.3.2009) App. Krim Superjuri).

Illi meta wiehed izomm f' mohhu il-fatti sucitati, specjalment meta wiehed iqis li minn imkien ma setgha jirrizulta illi l-appellant kellu jinstab hati, jidher fic-car illi l-piena pekunarja u cioe' multa' ta' elf ewro (EUR 1000), ma kellha qatt tigi imposta.

Illi ghalhekk l-appellant jissottometti, illi l-piena inflitta kienet wahda gravuza u timmerita revizjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l- aggravju principali tal-appellant jirrigwarda l-apprezzament tal-provi traskritti li ghamlet l-ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li

l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[1]; **Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**[2];**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[3]; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[4] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **R. v. Cooper**[5] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.*[6]*"*

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : **Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[7], inghad illi :-

---

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar -14 ta' Frar l989
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991

[5] 1969] 1 QB 276)
[6] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru 1994

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba lgudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lillversjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xhieda jixhdu *viva voce* kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xhieda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "safe and satisfactory" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti.

Rat l-affidavit rilaxxjat minn **PS 163 Robert Azzopardi**[8] u dan stqarr li nhar l-10 ta' Marzu 2020 ghall-habta tal-11.30 a.m mar l-ghassa tar-Rabat certu Giovanni Spiteri

[8] Fol. 3 tal-process

fejn dan irraporta li xi hin qabel precizament ghall-habta tal-10.55 a.m filwaqt li kien fi triqtu lejn il-Fiddien limiti tar-Rabat ircieva telefonata fuq il-mowbajl tieghu u ghalhekk tefa fil-genb fejn hekk kif qed jitkellem fuq il-mowbajl hin minnhom mar persuna fuqu u beda jaggredih.

Dan stqarr li dan il-persuna hu certu Paul Azzopardi l-akkuzat odjern. Zied jghid li hekk kif mar fuqu dan beda jghidlu kliem ' lili halllini bi kwieti filwaqt li tah daqqa ta' ponn f'wiccu kif ukoll f'idu kellu mus zghir b'manku tal-injam u beda ukoll jipprova jaghtih go wiccu u demm ma subajgh fejn fil-fatt pprezenta certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Odette Poace li kien juri li garrab griehi ta' natura hafifa. Huwa stqarr ukoll li kellu ammont ta' grif u ghafsa zghira mal-bieb tax-xuffier tal-vann li kien bih numru ta' registrazzjoni GBP 991 tal-ghamla Toyota. Huwa qal ukoll li dan Paul kien qed jaghmel uzu minn vettura Toyota. Meta l-kwerelant gie mistoqsi jekk jafx lil dan Paul Azzopardi hu stqarr illi hu kien jahdimlu l-ghamara xi 20 sena qabel u xi snin ilu kienu kelmuh il-pulizija dwar xi rapport li kien ghamel dan Paul Azzopardi fejn beda jallega li kien ghamillu hsara fl-ghelieqi tieghu. Stqarr li dan kien l-unika kuntatt li kellu ma Paul Azzopardi.

Fuq dan ir-rapport kellem lil Paul Azzopardi gewwa l-ghassa tal-pulizija tar-Rabaat fejn gie infurmat bir-rapport u bid-dritt tieghu li jkellem avukat fejn dan irrifjuta tali dritt u iffirma waiver f'dan is-sens. Rigward dan ir-rapport huwa stqarr li kien ghaddej mit-triq u kumbinazzjoni ra lil Giovanni Spitei fejn kien ilu biex ikelmu ghax beda iwahhal fih li kien ghamillu hsara fl-ghelieqi. Zied jghid li hekk kif rah mar ghal fuqu u mbuttah fuq wiccu u qallu biex ihallih bi kwietu pero cahad li kellu xi mus f'idu jew illi kien ghamillu xi hsara fil-vettura tieghu. Ghamel search fuq il-pesuna ta' Paul Azzopardi u fil-vettura tieghu tal-ghamla Toyota Starlet numru ta' registrazzjoni EAQ 076 pero' irrizulta fin-negattiv.

Giovanni Spiteri pproduca stima tal-hsarat li garrab fil-vettura tieghu li kien biha u cioe stima ta' €112.35 f'parts u €177 f'xoghol ta' spray.

Ix-xhud rega xehed nhar is-7 ta' April 2021 u kkonferma x-xhieda tieghu precedenti **Giovanni Spiteri** xehed nhar is-6 ta' Ottubru 2020 u mistoqsi jekk jafx lill-akkuzat jghid li ilu jafu ghoxrin sena ghaliex kien hadimlu xi xoghol ta' ghamara u kien qallu li kienu minn fejn kellu r-raba' hu stess.

Spjega li f'Marzu kien hiereg minn fejn ghandu n-nahal u cempillu habib tieghu minn Ghawdex. Dak il-hin ipparkja mal-genb il-Fiddien fejn jistghu jghaddu karozzi u baqa' jitkellem u f'daqqa u l-hin ra d-diehla bil-mus. Jghid li zammu minkejja li kien marbut bic-cinga jigifieri ma seta jghamel xejn u dak il-hin qabadlu idejh u ghalaqlu l-mus f'idejh u qatghalu subajh. Huwa fil-fatt kellu certifikat mediku dwar il-feriti li ssubixxa. Mistoqsi jekk kellhomx argument jghid li le u mistoqsi kif spiccaw f'dik is-sitwazzjoni jghid li ma jistax jispjega r-raguni. Jghid li fil-fatt l-akkuzat kien ikreja xi problemi dwar l-ghelieqi taghhom izda dan kien fil-passat. Dan spjega li kienu cemplulu mill-ghassa u qalulu li kien qed imexxi s-sigar izda dan kien sehh xi erba' snin qabel l-incident ta' dakinhar. Dan cahad li kien ghamel hekk. Jikkonferma li nhar l-10 ta' Marzu 2021 waqt li kien ipparkjat dan qabad u qatghalu subajgh bil-mus u ghamillu griehu u hsara. Jghid li kien mus normali li wiehed jixtri minghand taz-zebgha bil-manku tal-injam li jinghalaq. Jichad li kien hu li imbotta lill-akkuzat u jghid li hu kien marbut bis-seat belt fil-karozza ma setghax jiccaqlaq.

Rat ic-certifikat mediku esebit fl-atti markat bhala Dok GS[9] datat 10 ta' Marzu 2020 u f'dan ic-certifikat Dr. Pace tiddeskrivi li ezamina lil John Spiteri nhar l-10 ta' Marzu 2020 fil-11.30 a.m fir-Rabat Health Centre u dan kellu zewg feriti xi 2cm twal fuq is-seba' z-zghir tal-lemin fit-tieni parti (2nd Pharynx area) u girfa zghira (xi 1cm) u nefha fix-xoffa ta' fuq in-naha tax-xellug. Hemm indiakt ukoll li allegatament il-pazjent qala' daqqiet ta' mus u daqqa ta' ponn. Hija ddiskreviet il-feriti bhal ta' natura hafifa. Dan ic-certifikat mediku gie konfermat minnha b'affidavit li jinsab fl-atti a fol 14 tal-process. Rat ukoll ritratt tal-hsara fuq karozza Dok GS 2, tlett ritratti ta' feriti fuq is-swaba ta' id, ritratt ta' geddum bi nefha, ritratt ta' mowbajl li jindika

[9] Fol. 13 tal-process

telefonata li saret min-numru 21559924 nhar il-11 ta' Marzu, fil-10.52, stima mahruga mill-garage Shelkim b'valur ta' €177 u stima ohra mahruga minn Michael Debono Ltd li tindika valur ta' €112.35 bhala valur ta' parts.

Nhar l-14 ta' Jannar 2021 jghid li meta qala' d-daqqiet mil-mus it-tieqa kienet imnizzla ghax dik titla meta il-karozza tkun mixghula u dak il-hin kien stazzjonat wieqaf jitkellem fuq it-telefon. Jghid li huwa gie milqut f'subajh mill-mus tal-akkuzat meta kien qed ixejjer u huwa qabadlu idejh biex ma jaqlax daqqiet f'wiccu. Wara jghid li qatghalu l-lakstuwa li jkun hemm mal-hgiega tal-vettura, baraxlu l-bieba u tah daqqa fil-bieba b'irkuptejh. Tah ukoll daqqa ta' ponn f'wiccu fuq in-naha tax-xellug imbaghad telaq 'l hemm. Mistoqsi jekk kienx hemm xi hadd iehor maghhom iwiegeb fin-negattiv. Qal li kien hemm karozzi ghaddejjin pero hadd ma waqaf jara ghandux bzonn xi haga minkejja li rawh ihebb ghalih. Kien wara li telaq l-akkuzat li saq ghal klinika.

Rat ix-xhieda ta' l-**ispettur Wayne Camilleri** moghtija nhar l-14 ta' Jannar 2021 fejn spjega li nhar l-10 ta' Marzu 2020 kien gie infurmat mill-Ispetur Robert Azzopardi li kien PS 163 li kien dahal rapport gewwa l-Ghassa tal-pulizija tar-Rabat minn certu Giovanni Spiteri fejn kien irraporta li ghall-habta tal-11.00 a.m huwa kien fi triqtu f'post rurali fir-Rabat mgharuf bhala tal-Fiddien fejn hin minnhom cempillu l-mowbajl waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu. Waqaf fil-genb biex iwiegeb dan il-mowbajl f'din iz-zona u hemmhekk kien hareg ghalih certu Pawlu Azzopardi. Jghid li kien jafu qabel ghax hu mir-Rabat ukoll u kif qallu dan Pawlu beda jghidlu kliem bhala 'hallini bi kwieti' u minn hemm eskalat fejn kien vjolenti mieghu. Qalilhom li huwa safa' vittma fejn qala' daqqa ta' ponn go wiccu u qalilhom ukoll li Pawlu Azzopardi anke kellu mus zghir f'idejh. Eventwalment ipprezenta certifikat mediku mahrug minn Dr. Odette Pace minn gewwa l-klinika tar-Rabat fejn hija kklasifikat il-feriti li rat bhala dawk ta' natura hafifa. Qalilhom li Azzopadi kellu mus f'idejh pero' semma' daqqa ta' ponn f'wiccu. Meta mar l-ghassa kien taht shock.

Ix-xhud ikkonferma li l-kwerelant ma tkellimx mieghu izda mas-surgent . Jghid li fil-fatt kien is-surgent li tkellem mal-akkuzat u kien is-surgent li dahhal ir-rapport. Skond ma qal il-kwerelant kien jaf lill-akkuzat qabel ghaliex kien ghamillu xi hsara fl-ghelieqi u ghalhekk din kienet ir-raguni ta' dak li gara. Mistoqsi jekk il-mus instabx jghid li mir-rapport ma jirrizultax li nstab. It-tfittxija ghamilha s-surgent li ha hsieb.

Illi nhar is-7 ta' April, 2021 ix-xhud rega xehed u esebixxa zewg dokumenti. Certifikat tat-twelid tal-akkuzat li gie markat bhala Dok CW1 u fedina penali tal-akkuzat markata bhala Dok CW2. Ikkonferma li l-arma imsemmija fl-okkorenza qatt ma instabet.

**Dr Odette Pace** xehdet nhar l-14 ta' Jannar 2021 u kkonfermat li kienet ezaminat lil John Spiteri nhar l-10 ta' Marzu 2020 fil-11.30 a.m. Tghid li sabitlu zewg feriti zghar ta' xi zewg centimetri fuq is-seba' z-zghir tal-lemin, fit-tieni parti. Tghid li kellu ukoll girfa ta' xi millimetru u nefha fuq ix-xoffa ta' fuq in-naha tax-xellug. Jghid li allegatament il-feriti gew kagunati b'daqqa ta' mus u daqqa ta' ponn. Ix-xhud giet murija ic-certifikat esebit a fol. 13 markat bhala Dok GS.

**WPS 2254** xehdet nhar is-7 ta' April, 2021 u spjegat li l-akkuzat huwa licenzjat li ghandu tip ta' licenzja *collector license* biex jkun jista jzomm d-dar u fuqu zewg armi *shot guns* bis-serial number wiehed Z00795 u iehor bis-serial number 51293. Hija esebiet dokument li gie markat bhala Dok JG1.

Rat l-okkorenza datata 10 ta' Marzu 2020 esebita fl-atti a fol. 65 markata bhala Dok RA1.

Rat ix-xhieda ta' **Stephen Cachia** moghtija ghan-nom u in rappresentanza ta' Transport Malta u spjega li gie mistoqsi jghamel ricerka fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBP 991. Mir-ricerka li ghamel irrizulta li dan in-numru jghajjat

vettura tal-ghamla Toyota Hylux ta' kulur griz registrata f'isem Simone Spiteri u ilha hekk registrata f'isimha sa mis-26 ta' Awwissu, 2013 Huwa pprezenta dokumentazzjoni f'dan ir-rigward li giet markata bhala Dok SC1.

Illi nhar it-13 ta' Ottubru, 2021 xehed **Paul Azzopardi**, l-akkuzat minn jeddu u b'mod volontarju. Spjega li lill-kwerelant jafu di vista. Qal li kien ikun fl-ghalqa u darba mar jghidlu jekk kienx irraportah ghax qieghed jonsob. Huwa wiegbu li lanqas qatt ma rraporta lil xi hadd u wisq inqas lilu. Mistoqsi jekk kienx ta xi daqqa lill-kwerelant jghid li ma hux minnu. Jichad li refa' idejh fuqu izda jghid li kull ma ghamel kien li mar ikelmu u dan waqt li kienu fit-triq li taghti ghal Bahrija. Qal li l-kwerelant kien tielgha lejn il-Bahrija u waqaf u huwa mar ikelmu u qallu li mhux vera kien mar jirraportah u sabiex ma jwahhilx fih. Jghid li hwua hareg mill-vettura tieghu waqt li l-kwerelant baqa' bil-qieghda fil-vann tieghu. Qal li ma jiftakarx id-data tal-incident pero jiftakar li kienu baghtu ghalih il-pulizija. Apparti dan l-incident ma kienx hemm incident iehor bejniethom. Jghid ukoll li din id-darba kienu tkelmu biss. Mistoqsi jekk kellux xi feriti meta rah dakinhar jghid li ma jafx ghaliex mill-vann ma nizilx. Kull ma qallu meta nizel mill-vettura tieghu hu li ma kienx hu li mar jirraportah li kien qed jonsob u qallu mur l-ghassa biex jara min irraportah. Mistoqsi jekk kienx hu li waqaf u mar ikellem lill-kwerelant meta rah wieqaf iwiegeb u jghid li waqfu it-tnejn izda imbaghad kien hu li mar ikelmu. Ikkonferma li xi snin qabel kien hadimlu ukoll xi ghamara tat-tfal. Jghid li dakinhar ma ggieldux u ma argumentawx u wara li kelmu qabdu u telqu 'l hemm.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tas-sentenza moghtija nhar l-4 ta' Novembru 2021 jirrizulta li l-ewwel Qorti immotivat is-sentenza taghha u stqarret ghaliex hija kienet tal fehma li l-*parte civile* kienet aktar kredibbli mill-appellant.

Fil-kaz odjern si tratta ta' kunflitt ta' provi konfliggenti fejn il-gudikant jista' jaghzel verzjoni mill-wahda opposta kif kien premess fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[10]**:**

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one"*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef**[11] gie ritenut li:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza Pulizija vs. Joseph Thorn deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."*

Huwa minnu wkoll kif hemm imnizzel fl-**artikolu 638(2) tal-Kap 9** li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lil Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi ta' possibilita.

---

[10] Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997
[11] Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Frar 2012

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs Peter Ebejer**[12] qalet illi:-

> *"Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz* ***Miller v. Minister of Pensions***[13] *al-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt";*
>
> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice" (373-374).*

Ghalhekk kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, il-ligi penali ma tehtiegx li biex persuna tigi misjuba hatja irid tigi instawrata f'mohh il-gudikant ic-certezza assoluta u dan ghaliex huwa rari li jigi riskontrat dan il-livell ta' prova. Tali prova m'hiex rikjesta fi proceduri penali izda l-livell ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hija dik a bazi ta' probabilita fuq livell lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dawn l-istess provi ma ikunux gew newtralizzati mid-

[12] Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997
[13] 1974] 2 All E.R. 372

difiza fuq bazi ta' probabilita. Hija d-diskrezzjoni tal-Qorti li tara lil min temmen u ma temminx meta hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kungliggenti.

Jinghad pero li f'dan il-kaz il-partijiet ma humiex kontradittorji f' kollox. L-akkuzat jaqbel li kien jaf lill-kwerelant minn zmien ilu meta kien hadimlu xi xoghol. Jaqbel li kien hu li nizel mill-karozza tieghu biex ikellem lill-kwerelant. Li l-kwerelant ma harigx mill-vann ghaliex kellu s-seat belt. L-akkuzat jghid ukoll li nizel biex ikellem lill-kwerelant ghaliex ried jiccara fatt fejn allegatament il-kwerelant kien qed iwahhel fih li kien irraportah li mar ghal kacca. Pero' jinghad li fir-rigward tal-fatti li jikkoncernaw l-akkuzi ma hemmx qbil u hemm id-divergenza. L-akkuzat filwaqt li jghid li mar ikellem lill-kwerelant jichad li aggredih.

Min naha l-ohra l-kwerelant jispjega fid-dettal ezattament dak li gara u cioe li kien wieqaf f'tarf it-triq meta l-akkuzat nizel ghalih dahhal idejh fit-tieqa u tah daqqa ta' mus liema daqqa huwa laqat b'idejh u spicca ferut fuq subajh u in oltre jghid li l-akkuzat tah daqqa ta' ponn. Ic-certifikat mediku esebit jikkonferma dak li qal il-kwerelant fis-sens li jikkonferma li kellu nefha fuq wiccu fuq geddumu kif muri fir-ritratt u li kellu xi grif fuq subajh kif deskritti minn Dr. Odette Pace. Ghalhekk il-verzjoni tal-kwerelant fid-dawl ta' din il-prova korroborattiva hija aktar vero simili. Meta l-akkuzat gie mistoqsi jekk ra xi feriti jghid li ma ra xejn ghaliex il-kwerelant baqa' fil-vettura bil-qieghda. Pero l-feriti kienu fil-wicc u fl-idejn u ghalhekk kienu vizibbli pero l-akkuzat ghazel li ma jghid xejn dwarhom. Il-kwerelant jispjega ukoll id-danni li huwa sofra fil-vettura tieghu u esebixxa ritratt u zewg stimi li ma gewx kontestati bhala valur.

Dwar il-piena inflitta l-appellant jintavola ukoll aggravju ghaliex fil-fehma tieghu l-piena imposta kienet wahda ecessiva. Illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana specjalment dik ricenti, ġie stabbilit li huwa

indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat** [14] sostniet:

> *"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[15] , **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[16] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[17] . Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** [18], fejn il-Qorti qalet li:

---

[14] Deciza nahr il-15 ta' Frar 2012

[15] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003

[16] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

[17] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

[18] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar i-26 ta' Jannar 2001

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost u fid-dawl ta' dawn il-provi din il-Qorti qeghda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti billi hija safe u satisfactory u qeghda tikkonfermaha fejn sabet lill-kwerelant hati ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza u kkundannatu multa ta' elf euro (€1000) u mhux hati tar-raba' akkuza minn liema akkuza illiberatu.

Qeghda ukoll tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat il-hrug ta' garanzija ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-kwerelant Giovanni Spiteri u sabiex jinzamm il-buon ordni rabtet lill-akkuzat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu li ma jiksirx il-paci pubblika u l-buon ordni pubbliku kif ukoll li ma jimmolestax u ma jdejjaqx lill-istes Giovanni Spiteri u dan taht pemali ta' elf euro (€1,000) ghal zmien tnax-il xahar, liema perijodu jibda jiddekorri mil-lum.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur